MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2015

Appell Civili Numru. 897/2009/2

**GasanMamo Insurance Limited C3143 kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurati taghha Nicholas Curmi, Miriam Mifsud, Jorin Gauci, Anthony Chircop, Joseph Chircop, Marcelline Buttigieg, Hubert Paul Farrugia, Louis Bishop, Charmaine Pisani Grixti, John Micallef, Chris Gouder, Alice Felter, Yanica Demanuele, Elaine Abela, Maria G Zarb Grech, Malcolm Bugeja, Emanuela Nagiah, Manfred Galdes, Sarah Marie Hili, Stefania Grech, Alfred Attard, Sempronia Saliba, Maria Victoria Farrugia, Andre Xuereb, Alexia Cordina, Deborah Cutajar, Vincent Pace, Theresa Zammit, Madalene Briffa, John Mercieca skond il-ligi u l-polza (Claim numru T074076)**

**Vs**

**RyanAir Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ghal ritrattazzjoni tas-socjeta GasanMamo Insurance Limited fejn hija ressqet talba ai termini ta'l-artikoli 811(e) u (l) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dana sabiex tigi imhassra is-sentenza moghtija minn din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta tal-31 ta' Mejju 2012 fl-istess ismijiet u tordna ir-ritrattazzjoni tal-kawza.

Rat ir-risposta tas-socjeta ritrattata.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi b'deċiżjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar, giet michuda it-talba tas-socjeta ritrattandi GasanMamo Insurance Limited u dan ghal hlas ta' kumpens sburzat mis-socjeta rikorrenti lill-assigurati taghha ghal danni sofferti minnhom in segwitu ghal hsara jew *non delivery* ta' bagalji trasportati f'titjira fuq il-linja tal-ajru tas-socjeta intimata. Aggravata b'dina d-decizjoni hija interponiet appell mill-istess u tallbet lil din il-Qorti ta' revizjoni, kif diversament ippresjeduta, sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-20 ta' Gunju 2011 tal-imsemmi Tribunal.  Illi b'sentenza tal-31 ta' Mejju 2012, dan l-appell gie michud u id-decizjoni appellata ikkonfermata.

Ir-rikorrenti f'din il-kawza pprocedew quddiem din il-Qorti biex jitolbu li s-sentenza taghha tal-31 ta' Mejju 2012 tigi ritrattata a tenur tas-subinciz (e) u (l) ta' l-Artikolu 811 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Illi l-fatti li taw lok għall-kawża odjerna huma inkontestati billi l-pretensjoni tas-socjeta ritrattandi twieldet wara li hi hallset *claim* maghmula minn diversi assigurati taghha in konnessjoni ma' danni sofferti minnhom wara titjira mas-socjeta ritrattata, fejn sofrew hsarat u telf fil-bagalji taghhom. Illi mill-atti irrizulta illi l-passiggieri danneggjati imlew 'l hekk imsejjha *property irregularity report* (PIR) mal-wasla taghhom fl-ajruport fejn hemmhekk elenkaw il-hsara jew telf sofferti minnhom. Sussegwentement saret il-*claim* minnhom mas-socjeta assikuratrici fejn huma gew ikkumpensati ghal dan it-telf. Surrogata fid-drittijiet ta'l-assigurati taghha, s-socjeta ritrattandi daret fuq il-linja tal-ajru sabiex taghmel tajba ghal flus sburzati minnha, izda s-socjeta ritrattata irrifjutat thallas billi sahhqet illi ma kenitx saret il-*claim* bil-miktub u dan kif stabbilit bil-ligi u bil-konvenzjoni milhuqa mal-passiggiera. In sostenn ta' dan hija strahet fuq dak stabbilit fil-***Convention for the Unification of Certain Rules for International Carriage by Air (the Montreal Convention)***[1], fejn hemm stipulat illi din il-*claim* bil-miktub trid isssir fi zmien sebat ijiem fil-kaz ta' hsarat fil-bagalji u fi zmien wiehed u ghoxrin gurnata fil-kaz meta l-bagalja ma tasalx fid-destinazzjoni. Dan iz-zmien statutorju huwa ukoll inkorporat fil-ftehim milhuq bejn l-linja tal-ajru u il-passiggier hekk kif jinxtara il-biljett ta'l-ajru u dan fil-klawsola numru 15.1.2 intitolata *General Conditions of Carriage*.

[1] Article 31

Illi fid-decizjoni tieghu it-Tribunal ghat-Talbiet iz-Zghar cahad it-talba attrici billi sahaq illi il-*Property Irregularity Report* ma jistax jigi meqjus bhala "*a written complaint*" kif stabbilit fil-Montreal Convention u ghalhekk gjaldarba l-assigurati ma ghamlux talba formali fiz-zmien stipulat fil-konvenzjoni, kwindi s-socjeta intimata ma setatx titqies iktar responsabbli ghad-danni minnhom sofferti. Illi fiz-zewg kazijiet fejn kien hemm tlef ta' bagagalji, it-Tribunal sahaq illi anke hawnhekk ma kienet saret l-ebda talba bil-miktub mill-passiggieri involuti, ghalkemm f'dan il-kaz il-konvenzjoni ma tispecifika l-ebda terminu tassattiv sabiex issir tali talba u fi kwalunkwe kaz ikkonkluda illi ma tressqux bizzejjed provi minn naha tas-socjeta rikorrenti sabiex tiggustifika tali talba billi ma kienx hemm prova dwar il-*quantum* tat-telf soffert.

Illi b'sentenza ta' din il-Qorti kif diversament ippresjeduta l-appell interpost mis-socjeta ritrattandi gie michud u dan billi il-Qorti qieset illi l-aggravvji sottoposti ghall-iskrutinju taghha kienu diga kollha gew trattati fis-sentenza impunjata u ghalhekk ghaddiet biex ikkonfermat id-decizjoni tal-ewwel grad.

Illi s-socjeta ritrattandi izda xortwahda hasset illi tali decizjoni ma kenitx wahda gusta u ghalhekk ressqet l-applikazzjoni odjerna sabiex l-appell jigi trattat mill-gdid u dan abbazi ta' zewg binarji u cioe' fl-ewwel lok bl-allegazzjoni illi l-Qorti applikat il-ligi l-hazina fid-decizjoni taghha u dana b'mod ewlieni ghaliex id-decizjonijiet quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghandhom jigu decizi abbazi ta'l-ekwita u ghalhekk ghandhom jitbieghdu mir-rigur tal-ligi, u ukoll ghaliex is-sentenza ritrattanda kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza.

Jinhass utili illi qabel ma l-Qorti tikkoncentra fuq il-motivi invokati ghar-ritrattazzjoni illi tissottolinea dan il-principju fundamentali li jirregola l-interpretazzjoni tad-disposizzjonijiet kontenuti fl-istitut tar-ritrattazzjoni:-

*"Il rimedio della ritrattazione e' ammesso soltanto nei casi tassattivamente stabbiliti dalla legge, dovendo in ogni altro caso prevalere la stabilita` del giudicato che sola puo` mettere fine alle lite"*[2]

Dan ghaliex *"r-rimedju tar-ritrattazzjoni hu ta' indoli straordinarja, lummeggjat dan il-karattru straordinarju bl-istorja ta' dan l-istitut, bil-konsegwenza logika illi r-regoli li jiggovernaw l-istess istitut huma ta' interpretazzjoni strettissima. Diversament, taht il-pretest tar-ritrattazzjoni, il-litigant sokkombent ikun jista' jerga' jiftah il-kawza, u b'hekk indirettament jinholoq tribunal tat-tielet istanza"*.[3]

Stabbiliti dawn il-principji generali li jirregolaw l-istitut ta' ritrattazzjoni, il-Qorti ser tghaddi biex tezamina serjatim l-artikoli tal-ligi li abbazi taghhom is-socjeta ritrattandi qieghda titlob is-smiegh mill-gdid ta' kawza li ghaddiet in gudikat.

Issa s-subinciz (e) ta' l-Art 811 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li huwa l-ewwel subinċiż li fuqu s-socjeta ritrattandi qed tibbaza t-talba ghas-smiegh

[2] "**Giuseppe Luigi Bonnici – vs- Dottor Carlo Galea Naudi**", Appell Civili, 3 ta' April 1922
[3] **Rev. Sacerdot Dun Giuseppe Aquilina –vs- Francesco Aquilina**", Appell Civili, 18 ta' April 1958.

mill-gdid jipprovdi illi tista' tigi milqugha talba bhal din "**jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin**".

Il-ligi fil-fatt timponi din il-limitazzjoni u tghaddi biex tiddefiniha bil-mod segwenti:-

"**Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-Qorti tkun espressament tat decizjoni**".

F'***Commonwealth Educational Society Ltd Vs Camilleri Adriana*** ġie ritenut illi l-kazistika taghna fuq din id-disposizzjoni hi wahda abbundanti u, kif ser jintwera, nkwadrata b'dawn ir-riflessjonijiet alkwantu restrittivi:

(i) ***"Hemm biss applikazzjoni hazina tal-ligi fit-termini ta' dan is-subinciz mhux meta jkun hemm interpretazzjoni hazina tal-ligi applikabbli ghall-fatti, imma biss meta ma tkunx giet applikata l-ligi gusta ghal dawk il-fatti"*** – "**Carmelo Busuttil –vs- Mary Gauci**", Appell, 24 ta' Jannar 1997;

(ii) ***Bhal fil-kaz prezenti, "ir-rikorrenti qeghda ssostni li hi l-konvinzjoni taghha li l-Qorti ta' l-Appell applikat il-ligi hazin. Dan pero` mhux***

***bizzejjed biex jeradika d-dritt ghal ritrattazzjoni. Hi trid tipprova bil-premessa taghha li l-Qorti applikat il-ligi l-hazina u mhux li applikat il-ligijiet taghha b'mod hazin"*** – (**Vol LXXVI pII p196**; "**Reginald Micallef et noe –vs- Godwin Abela et noe**", Appell Kummercjali, 3 ta' Gunju 1994).

(iii) "***L-ipotesi ta' applikazzjoni hazina ta' ligi tikkonkreta ruhha meta hemm vjolazzjoni manifesta tal-ligi, u mhix soggetta ghall-interpretazzjoni, razjocini jew argomenti***: (**Vol VII p526**; **Vol XXIX pI p795**; "**Dorothy Xuereb –vs- George Xuereb**", Appell, 20 ta' Jannar 1982; "**Fedele Dali –vs- Coronate Sare`**", Appell, 20 ta' Frar 1996; "**Anthony J. Camilleri et –vs- Avukat Dottor Victor Ragonesi noe**", Appell, 28 ta' Frar 1997 u "**Joseph Tabone noe –vs- John Mousu' pro et noe**", Appell, 12 ta' Dicembru 2001, fost bosta ohrajn)

Imbagħad f'***Difesa Joseph Vs L-Awtorita Ta' Malta Dwar L-Ambjent U L-Ippjanar,(AĊ Nru 12/2003 datat 06/04/2003)*** inghad:

***Huwa desumibbli minn dawn l-enuncjazzjonijiet illi hemm lok ghal smiegh gdid fuq il-bazi ta' applikazzjoni hazina tal-ligi mhux jekk il-Qorti tkun interpretat erronjament il-ligi applikabbli ghall-meritu quddiemha imma biss jekk tkun applikat ghal dak il-meritu ligi zbaljata u cjoe ligi minflok ohra. Tant hu hekk li l-ligi stess timponi bl-Artikolu 816 Kapitolu 12 illi fir-rikors tieghu r-ritrattand jispecifika liema ligi kien messha giet applikata mill-Qorti, u meta r-raguni hija applikazzjoni hazina tal-ligi l-attur ghandu jsemmi l-ligi li kien messha giet applikata. Ara fost ohrajn sentenzi flismijiet "Joseph Micallef -vs-***

***George Pavia**", Appell, 5 ta' Frar 1993; "**Vincenza Borg -vs- Giuseppe Giordmaina**", Appell, 19 ta' Jannar 1996; "**AIC Emanuel Zammit nomine -vs- Nazzareno Fenech**", Appell, 30 ta' Gunju 1997;*

Ġie senjalat ukoll f'***Philip Amato Gauci et vs Angelo Agius(AĊ Nru 2177/1998 datat 24/111/2003):***

> *L-accenni gurisprudenzjali fir-rigward ta' dan is-subinciz isegwu dan l-orjentament:-*
>
> ***(1) L-applikazzjoni hazina timmanifesta ruhha meta jkun hemm "la violazione manifesta di una legge espressa, chiara, non soggetta ad interpetazione, ne a raziocini o argomenti … ("Com. Francesco Azzopardi –vs- Francesco Galea**", Appell, 17 ta' Frar 1876; "**Vincenza Borg –vs- Gisueppe Giordmaina**", Appell, 19 ta' Jannar 1996 u "**Maria Teresa Grech et –vs- Giljan Abela**", Appell, 8 ta' Gunju 1999).*
>
> ***(2) "Che la Corte in un giudizio di ritrattazione, non puo` entrare, come nel caso di un regolare appello, ad esaminare se il fatto come stabilito dalla Corte sia erroneo o meno; ma per vedere se via sia mala applicazione di legge deve prendere per unica base il fatto come stabilito dalla Corte nella sentenza impugnata" – "Negte Giuseppe Vella Zarb –vs- Antonio Bartolo**", Appell, 3 ta' Frar 1930).*

*(3) **"A testimonianza del Mattirolo (Trattato di Diritto Giudiziario Civile, Vol IV para 1043) e' ormai pacificamente ammesso dagli scrittori e dalla giurisprudenza che i giudizi di mera interpretazione di una fatto dubbio o controverso, ossia i giudizi col quale il magistrato dato il tenore di un atto, interpreta la volonta` dubbia ed oscura dei contraenti o del testatore sono giudizi sovrani del magistrato che statuisce sul merito, incensurabile in cassazione"** – "**Marchese Riccardo Cassar Desain noe et –vs- Giovanni Spiteri**", Appell, 25 ta' Novembru 1927; "**Negozjant Giuseppe di Ruggero Wismayer –vs- Giovanni Wismayer**", Appell, 7 ta' Dicembru 1936.*

*(4) **Biex jigi eradikat id-dritt ghal ritrattazzjoni, ir-rikorrent irid jipprova bil-premessa tieghu illi l-Qorti applikat il-ligi l-hazina u mhux li applikat il-ligijiet tajba b'mod hazin – "Reginald Micallef et noe –vs- Godwin Abela et noe**", Appell Kummercjali, 3 ta' Gunju 1994.*

Minn dawn il-principji legali stabbiliti b'certezza minn gurisprudenza kopjuza, jitwieled bhala fatt illi il-kompitu tal-gudikant fil-kawza ta' ritrattazzjoni mhuwiex illi jeżamina jekk il-fatti kif ġew stabbiliti u interpretati mill-Qorti tal-Appell, kienux żbaljati jew le, lanqas jekk il-ligi applikabbli gietx interpretata b'mod zbaljat mill-gudikant, izda l-kompitu taghha huwa illi tinvestiga jekk gietx applikata il-ligi il-hazina ghall-fatti dezunti quddiemha. Illi ir-ritrattandi jinsistu illi din il-Qorti kif diversament ippresjeduta ma imxietx ma' dak stabbilti fl-artikolu 7(1) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta[4] u cioe' injorat ghal kollox il-fatt illi it-Tribunal fid-decizjoni tieghu ma applikax dina id-disposizzjoni tal-

[4] "It-Tribunal ghandu jaqta' kull talba u kontro-talba li jkollu quddiemu principalment skond l-ekwita'."

ligi bil-konsegwenza illi id-decizjoni rizultanti kemm tal-prim'istanza kif ukoll, dik ta' revizjoni huma inekwi u ingusti fil-konfront taghha. Mhux biss izda lanqas gie applikat dak dispost fl-artikolu 31 tal-Montreal Convention in konnessjoni ma' danni sofferti fil-bagalji wara titjira bl-ajru. Dan ghaliex hemm disposizzjonijiet differenti tal-ligi li japplikaw ghal hsarat kif ukoll ghal *non-delivery*. Dan ghaliex din il-Qorti kif diversament ippresjeduta ma ghamlet l-ebda distinzjoni bejn dawn iz-zewg kazijiet differenti.

Illi ezaminati l-atti kollha tal-kawza, jinzel illi is-socjeta ritrattandi ma ressqet l-ebda ilment dwar in-nuqqas ta' applikazzjoni minn naha tat-Tribunal tal-prinicpju tal-ekwita fid-decizjoni tieghu fl-appell minnha interpost. Fil-fatt mir-rikors promotur ta'l-appell ma jirrizultax illi giet mitluba l-impunjazzjoni tad-decizjoni tat-Tribunal abbazi ta' dak dispost fl-artikolu 8(2)(b) tal-Kapitolu 380. Huwa biss issa fi stadju ta' ritrattazzjoni illi qed titfa' il-mira taghha fuq dan il-principju u dana sabiex tipprova issib rimedju iehor ghal pretensjoni minnha vantata. Dan kjarament ma jistax isir billi dawn il-proceduri ma jistghux jintuzaw biex din il-Qorti issir wahda tat-tielet grad. Fuq kollox huwa principju rassodat fil-gurisprudenza illi t-Tribunal ma ghandu l-ebda dritt anke jekk abbazi ta'l-ewkita' illi jissorvola l-applikazzjoni tal-ligi fil-mertu. Dan ifisser ghalhekk illi l-apprezzamnet maghmul minnu mil-lat ekwitattiv ghandu ikun mizurat u ibbazat fuq konsiderazzjonijiet ta' dritt.

***"M'ghandux ikun dubitat jew kontrovers illi biex il-valutazzjoni ekwitattiva tigi sew applikata jokkorri li wiehed jadotta l-mudell konswet tal-missier tajjeb tal-familja fil-konsiderazzjoni tac-cirkostanzi u tal-fatti maghrufa, pervenuti fil-process, u janalizzahom skond il-kriterji tad-diligenza komuni.***

***Dan necessarjament ifisser gudizzju li jaghti debita konsiderazzjoni lil kwadru shih tal-vertenza.[5]"***

Dan ifisser ghalhekk illi it-Tribunal fl-apprezzament minnu maghmul irid jiehu in konsiderazzjoni dak pattwit bejn il-partijiet involuti, il-ligijiet internazzjonali applikabbli ghal kaz in dizamina, u ir-regoli konsoni applikabbli f'kull pajjiz li jirregolaw l-procedura li ghandha tigi segwita f'kaz ta' danni rizultanti minn titjira bl-ajru.

***"Dejjem tajjeb li jigi qabel xejn imfakkar illi kif drabi ohra rilevat, "l-ekwita` minnha nfisha trid li ssir gustizzja u jekk ikun jezisti dritt li jiskaturixxi minn obbligazzjoni assunta legalment u li tirrizulta jew minn xi disposizzjoni kontrattwali regolarment konvenuta u accettata bejn il-kontendenti, l-ekwita` trid illi dik id-disposizzjoni, dik l-obbligazzjoni, mhux biss tigi onorata, imma tigi protetta mi-Tribunal ghal Talbiet Zghar, li wara kollox, qieghed hemm biex jaghmel gustizzja. Ikun l-akbar kontro-sens li jinghad illi minhabba konsiderazzjonijiet ohra, li fil-fehma tat-Tribunal ghat-Talbiet iz-Zghar ikunu importanti, drittijiet legali jigu skartati u addirittura injorati jew negati meta huwa evidenti illi dan ma jkun xejn hlief illegalita` li minnha nfisha ma hiex konfacenti u kompatibbli mal-kuncett ta' ekwita`" – "The Performing Right Society Ltd –vs- Reno Fenech"***, *Appell, 3 ta' Dicembru 1999*

Illi finalment ghalkemm is-socjeta ritrattandi tilmenta illi kemm it-Tribunal kif ukoll din il-Qorti kif diversament ippresjeduta ma applikawx ghal kollox il-principju stabbilit fl-artikolu 7 tal-Kapitolu 380, madanakollu imbaghad ma jindikawx fejn id-decizjoni tiddifetta f'dan is-sens. Finalment il-kuncett ta' l-

[5] Edwin Vella vs Joanna Briffa 07/05/2004 App.Inf.

ekwita` introdott fil-ligi specjali bl-Att V ta' l-1995 ma ghandux ifisser, jew jitfisser, illi l-attur hu ezonerat mill-oneru li jfornixxi dawk l-elementi probatorji li huma fil-poter tieghu li jressaq, jew li jgib 'il quddiem fatti sufficjenti sabiex jipprova it-talba tieghu. Lanqas ma ghandu jigi interpretat fis-sens illi l-Gudikatur ghandu jiehu in konsiderazzjoni fatti ohra hlief dawk rizultanti mill-istruttorja tal-kaz. Illi ghalhekk gjaldarba s-socjeta ritrattandi ma ressqitx dan il-gravam fl-appell minnha interpost u gjaldarba ukoll l-applikazzjoni tad-dritt ekwitattiv ma ghandux jissostitwixxi l-principji legali li isawwru il-kaz, fosthom il-piz tal-prova inkombenti fuq min iressaq il-pretensjoni tieghu ghal gudizzju tat-Tribunal, allura dan il-motiv imressaq mis-socjeta ritrattandi ghal smigh mill-gdid ta'l-appell ma jistax jintlaqa'.

Illi is-socjeta ritrattandi izda, imbaghad b'kontradizzjoni ma' dak pretiz minnha illi l-Qorti kellha tirrikorri lejn l-ekwita u mhux lejn l-applikazzjoni tad-dritt fid-decizjoni taghha, jishaq illi is-sentenza impunjata tapplika l-ligi b'mod erronju ghal kaz in dizamina. Dan ghaliex issostni illi l-ilment li ghalih taghmel referenza id-disposizzjoni ta'l-artikolu 31 tal-'Montreal Convention', liema ilment bil-mitub, jew "*complaint*" trid issir fiz-zmien hemmhekk stipulat fil-kaz tal-hsara fil-bagalji, hija dik l-istess *Property Irregularity Report* li jaghmlu il-passiggieri hekk kif jasslu l-ajruport u allura din il-Qorti kif diversament ippresjeduta interpretat l-ligi b'mod hazin meta sahhqet illi dan il-**complaint** bil-miktub li issir referenza ghaliha fil-ligi mhuwiex dan il-PIR, izda ilment formali li ghandu isir lill-linja tal-ajru involuta. Tishaq illi l-Qorti ghamlet zball meta ghamlet referenza ghat-tifsira moghtija ghal dan il-"*complaint in writing*" moghtija fil-*website* tal-Air Transport Users Council (AUC) billi din il-*website* lanqas hija ezistenti.

Illi din il-Qorti tibda biex tfisser illi f'kawza ta' ritrattazzjoni hija prekluza milli tissindika d-diskrezzjoni moghtija lill-gudikant illi jaghmel interpretazzjoni tal-fatti ghall-ligi applikabbli. Is-smigh mill-gdid ta' kawża ma jinghatax fejn l-ilment tal-parti li titlob ir-ritrattazzjoni jkun dwar it-tifsira jew l-interpretazzjoni li l-Qorti (fis-sentenza attakkata) tkun tat lill-fatti li jirriżultawlha jew tal-ligi li tkun tghodd ghal dawk il-fatti. Ir-ritrattazzjoni tinghata biss meta ghal dawk il-fatti accertati, tigi mhaddma ligi li ma kinitx tapplika ghall-każ.

**"Illi l-funzjoni ta' kull Qorti li tinterpreta u tqis il-fatti li jirriżultawlha, flimkien mas-setgħa u d-dmir li tapprezzahom u tapplika għalihom il-liġi li tgħodd, huma l-qofol tal-eżerċizzju tagħha. Dan l-eżerċizzju jġib miegħu element ta' użu ta' diskrezzjoni raġunata li l-liġi espressament tagħti lill-ġudikant. Dwar dan l-eżerċizzju, ma jingħata l-ebda rimedju ta' ritrattazzjoni, u dan kemm jekk il-fehma raġonevoli li jkun wasal għaliha l-ġudikant tkun waħda oġġettivament tajba jew kif ukoll jekk ma tkunx. Dawn jikkwalifikaw bħala "*i giudizi sovrani del magistrato.***

**Illi wieħed irid jagħraf bejn l-applikazzjoni ħażina tal-liġi u l-vjolazzjoni tal-liġi, li tfisser iċ-ċaħda diretta tal-preċett leġislattiv. Iż-żewġ ċirkostanzi m'humiex l-istess ħaġa u m'għandhomx jitħalltu bħallikieku ħaġa waħda. L-applikazzjoni tal-liġi ħażina sseħħ meta jkun hemm nuqqas ta' qbil bejn il-fatti li jirriżultaw u l-liġi li kellha tapplika għal dawk il-fatti.**

**Illi bl-istess mod wieħed irid jagħraf bejn l-applikazzjoni ħażina tal-liġi u l-interpretazzjoni ħażina. L-interpretazzjoni jew it-tifsir tal-liġi hija wkoll waħda mill-attributi tas-sovranità tal-ġudikant u, bħala tali, m'hijiex suġġetta għar-ritrattazzjoni3. Għalhekk, biex tingħata rritrattazzjoni, irid jintwera li l-Qorti applikat il-liġi l-ħażina fis-sentenza attakkata u mhux li applikat b'mod ħażin il-liġi t-tajba li kienet tgħodd għall-każ.[6]"**

[6] George Abela vs Joseph Cortis noe.et – App. Sup. 20/11/2008

Illi dak li tilmenta is-socjeta ritrattandi f'dan il-kaz huwa proprju illi l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti ghall-artikolu 31 tal-'Montreal Convention' kien erronju, haga li mhijiex sindikabbli f'dan l-istadju billi din mhijiex xi qorti tat-tielet grad. Illi manadankollu irdi jigi precizat illi dak allegat mis-socjeta ritrattandi mhuwiex minnu billi b'effett mill-9 ta' Marzu 2011, l-Air Transport Users Council ma baqghetx tezisti, izda l-funzjonijiet taghha gew assorbiti mic-Civil Aviation Authority gewwa ir-Renju Unit, fejn id-drittijiet tal-konsumatur issa qed jigu imharsa minn korp gdid imsejjah the Aviation Consumer Advocacy Panel (ACAP) fejn jinghataw l-istess linji gwida u cioe':

*Making a claim*

*You must report the fact that your luggage has been lost, delayed or damaged at the airport and keep a copy of the Property Irregularity Report which staff of the airline will complete.* ***To make a claim you must then contact the airline in writing****:*

- ***Within seven days for lost or stolen items, or damaged baggage***
- ***Within 21 days for delayed bags from receiving the delayed bag***[7]

(sottolinjar tal-Qorti).

Dan ifisser illi wara li isir ir-rapport, imbaghad irid jigiipprezentat l-ilment bil-miktub lill-linja tal-ajru u dana fit-termini preskritti. Kwindi l-interpretazzjoni moghtija fis-sentenza attakkata ma kenitx zbaljata jew ibbazata fuq definizzjoni li kienet inezistenti, kif tallega s-socjeta ritrattandi.

Illi lanqas ma kien hemm applikazzjoni zbaljata ta' dritt mill-Qorti, meta kif allegat gie applikat l-artikolu 31 minflok l-artikolu 35 fiz-zewg kazijiet fejn l-

[7] http://www.caa.co.uk/default.aspx?catid=2211&pageid=12711

ilment kien jikkoncerna it-telf tal-bagalji. Dan ghaliex kemm it-Tribunal kif ukoll din il-Qorti kif diversament ippresjeduta, li abbraccjat l-apprezzament maghmul mit-Tribunal, sahhqu illi ghalkemm it-talba saret fiz-zmien stipulat ta' sentejn kif previst fl-artikolu 35, madanakollu f'dawn iz-zewg kazijiet ma ingiebux provi sufficjenti mis-socjeta ritrattandi sabiex isostnu it-talba taghhom. U kien proprju ghalhekk illi t-talba f'dawn iz-zewg kazijiet giet michuda.  Ghal dawn il-motivi it-talba tar-ritrattandi kif imsejsa fuq din di-disposizzjoni tal-ligi ma tistax tintlaqa'.

Illi subordinatament ghal dan, ir-ritrattandi isejjsu it-talba taghhom ai termini ta**<u>l-Art. 811 (l) tal-Kapitolu 12</u>**. Is-subinciz (l) tal-Artikolu 811 jaghti lok ghas-smiegh mill-gdid tal-kawza fil-kaz fejn is-sentenza ritrattanda kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza.

Fis-sentenza **<u>Fedele Dalli vs Coronato Sare</u>**`, (Appell, 20 ta' Frar 1996), inghad illli ***"irid jinzamm  ferm illi r-rimedju ta' ritrattazzjoni jirreferi f'dan il-kaz ghal procedura fl-istadju ta' l-appell u huwa f'dan l-istadju li ghandu jigi identifikat l-izball ta' fatt li allegatament jaghti lok ghal dan ir-rimedju."***

***"l'errore di fatto perche possa aprire l'adito alla ritrattazione deve risultare dagli atti e dei documenti della causa, e deve essere un errore materiale, intuitivo, risultante dal semplice confronto delle dichiarazioni della sentenza cogli atti e coi documenti e non relativo ai criteri o caretteri coi quali il fatto e` stato appreso dal giudicante … … L'errore di fatto deve inoltre trovarsi in rapporto di casualita` colla decisione, ed e` necessario che il fatto non abbia***

***formato un punto contraverso e deciso colla sentenza impugnata"***. (**Vol XXIV pI p609** u **Vol XXVII pI p433**)

**F' Palmar Limited vs Victor Ciantar (**App Ċiv 77/1998/2**)** imbagħad ġie ritenut:

***"Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-izball, fil-kaz biss li d-decizjoni tkun ibbazata fuq is-supposizzjoni ta' xi fatt li l-verita` tieghu tkun bla ebda dubju eskluza, jew fuq is-supposizzjoni li ma jezistix xi fatt, li l-verita` tieghu tkun stabbilita pozittivament, basta li, fil-kaz il-wiehed u l-iehor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun gie deciz bis-sentenza.***

Għal din il-Qorti zball konsimili, kif rikjest mil-ligi, u kif definit u interpretat fid-dottrina u l-gurisprudenza ma huwiex ravvizat fil-fattispecje ta' dan il-kaz. Illi dak li tilmenta minnu s-socjeta ritrattandi huwa l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti tal-kelma "complaint" adoperata fl-artikolu 31 tal-'Montreal Convention' billi fil-fehma taghha din ma ghandhiex l-istess tifsira bhal kelma "claim". Dan fil-fehma taghha iwassal ghal fatt illi il-Property Irregularity Report huwa fil-fatt l-ilment li ghalih taghmel referenza l-artikolu 31. ghalkemm f'uhud min dawn id-dokumenti esbeiti in atti hemm nota li tghid: ***"This report does not constitute a claim or admission of liability."*** Illi fil-fehma taghha allura l-qorti erronjament qieset illi dana ir-rapport ma jikkostitwiex l-ilment kif imfisser fl-artikolu 31 tal-Konvenzjoni.

Illi huwa evidenti allura illi dak li qed tilmenta minnu s-socjeta ritrattandi huwa dwar l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti tal-ligi in dizamina u mhux xi zball ta' fatt manifest u materjali li fuqu sejset id-decizjoni taghha. Fil-fatt ma hemmx dubbju illi dan it-tieni ilment imressaq mis-socjeta ritrattandi ghas-smiegh mill-gdid ta'l-appell mhuwiex hlief tentattiv iddisprat biex tipprova issalva dak mitlub minnha u dana ghaliex huwa car minn qari tar-rikors promotur li l-bazi ghal tali talba hija biss repetizzjoni tal-vjolazzjoni minnha allegat ta'l-artikolu 811(e). L-argument illi l-Qorti ma setatx tmur kontra l-intestatura tal-kliem jew kelma adoperata fil-ligi, huwa bir-rispett kollu fallaci. Huwa proprju il-manzjoni ta' kull qorti u tribunal vestiti b'poteri aggudikattivi illi jaghtu interpretazzjoni lil-principji ta' dritt ghall-fattispecje tal-kaz prezenti quddiemhom.

Kwindi indubbjament anke it-talba ghal ritrattazzjoni tal-gudikat moghti minn din il-Qorti abbazi ta' din id-disposizzjoni tal-ligi hija insostenibbli.

**"Illi, fuq kollox, l-iżball li għalih tirreferi din id-dispożizzjoni jrid ikun wieħed ta' fatt. Kemm hu hekk, dan huwa li jagħraf smigħ mill-ġdid ta' kawża fuq din id-dispożizzjoni minn smigħ mill-ġdid ta' kawża taħt il-paragrafu (*e*) tal-artikolu 811, li jirreferi għal żball ta' liġi. Għal dan il-għan, l-iżball ta' fatt li jagħti lok għar-ritrattazzjoni jrid ikun wieħed materjali, manifest u jirriżulta mill-atti infushom, għaliex mhux imħolli li jitressqu provi biex jippruvaw tali żball. Minbarra dan, l-iżball ma jridx ikun relattiv għall-kriterji jew karattri li bihom il-fatt ikun ġie jew seta' ġie mifhum mill-ġudikant li ta s-sentenza li qiegħed jintalab it-tħassir tagħha, għaliex dan m'huwiex żball li joħroġ mill-atti imma fis-sewwa konvinċiment insindakabbli tal-ġudikant.[8]"**

[8] George Abela vs Joseph Cortis noe.et – App. Sup. 20/11/2008

Ghal dawn il-motivi t-talba ritrattandi qed tigi michuda, bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------